**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Mejju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 576/16AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Settembru, 1991 fil-Belt, Valletta.
2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel bl-isem SB li twieled fis-26 ta' Frar tas-sena 1996 u li ghalhekk llum ghandu ghoxrin sena.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Sandro Schembri

Adami nhar it-12 ta’ Frar tas-sena 1998 (immarkat bhala Dok. A)

4. Illi l-intimat kien obbliga ruhu jhallas manteniment lir-rikorrenti fl-ammont ta’ zewg liri Maltin (Lm2) li issa huma €4.66 fil-gimgha li ghadhom jithallsu. L-obbligazzjoni ta’ manteniment versu t-tifel xorta ghadu jigi ezercitat ukoll fl-ammont ta’ €65 fil-gimgha. Hemm qbil li dan sejjer jibqa jithallas skont il-ligi.
5. Illi l-intimat kien irrinunzja ghad-dritt ta’ manteniment minghand ir-rikorrenti.
6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
7. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai terminu tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

   U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Jannar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Frar, 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.